MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 458/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Greta Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta` Mejju, 2007 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` erbgha mija u tlieta u tlettin lira u tnejn u tlettin centezmu (Lm 433.32), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon li jgib in-numru 21334122, kont numru 1054414 u account 10095942 kif jirrizulta minn zewg dokumenti ezebiti u mmarkati bhala Dok. IZY 1 u IZY 2.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` bil-gurament taghha lid-Dottoressa Zammit Young li kkonfermat li l-ammont mitlub f`din il-kawza ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Ezamina d-dokumenti ezebiti a fol. 2, 3, 4, 5 u 6 tal-process.

Gie notat li l-konvenuta ghalkemm msejjha sabiex tidher f`dawn il-proceduri ghas-seduta ta` llum baqghet ma pprezentatx ruhha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma mitluba ta` erbgha mija, u tlieta u tlettin lira u tnejn u tlettin centezmu (Lm 433.32), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta` Mejju, 2007 u bl-ispejjez kollha a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------